**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 34** **10 ta' Mejju 2022**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta, 12 ta' April 2022 fis-sala tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa, fil-5.30p.m.

**PREŻENTI:**

John Schembri – Sindku

Frederick Aquilina – Kunsillier

Lucia Massa – Kunsillier

Maria Magri - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Keoron Bruno – Viċi Sindku

Eric Camilleri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

**Is-Sindku John Schembri** ppresjeda l-laqgħa.

Is-Sindku fetaħ il-laqgħa billi talab minuta silenzju b'turija ta' rispett għat-telfa tal-Kunsillier Victor Caruana.

**35.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 33**

Is-Sindku John Schembri talab l-approvazzjoni tal-Minuti 33, liema minuti kienu ċċirkulati u meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsillier Lucia Massa ssekondat.

Il-Minuti 33 ġew approvati b'mod unanimu.

**35.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**35.2.1** **Is-Sindku John Schembri** nfurma li l-Kunsill Lokali ġie nfurmat mir-Reġjun Nofsinhar li se tkun qed tinħareġ it-tender għall-Ġbir tal-Iskart, liema servizz se jkun qed jingħata lil-lokalitajiet kollha tar-reġjun. Il-Kunsillier Maria Magri spjegat li huwa mportanti li l-Kunsill Lokali jkollu Contracts Manager, għaliex se jkun hu l-uffiċjali li jkollu kuntatt mar-Reġjun dwar dan is-servizz.

**35.2.2** **Is-Sindku John Schembri** nfurma li in viżta tal-mewt tal-Kunsillier Victor Caruana, ġie deċiż li l-attivitajiet relatati ma Jum Ħal Luqa jiġu kkanċellati u kulma se jkun qed isir huwa l-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr u ċ-ċerimonja ta' tqegħid ta' kuruni. Is-Sindku nfurma li se tkun qed tinħareġ stedina lill-għaqdiet sabiex jipparteċipaw f'dawn iż-żewġ attivitajiet.

**35.3 Tender Evaluation Report – Patching Works**

35.3.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda t-tender evaluation report għal-Patching Works & Pavements in the locality of Ħal Luqa'.

Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-bord tal-għażla.

**35.4 Ħwejjeġ Oħra**

35.4.1 Il-Kunsillier Maria Magri ġibdet l-attenzjoni dwar il-ħtieġa ta' One-Way System fi Triq l-iskola. Ġie diskuss li jitqabbad espert u jsir studju dwar traffic management madwar il-lokalita' kollha.

35.4.2 Il-Kunsillier Frederick Aquilina ppropona li triq ġdida fil-lokalita' tissemma' għall-kunsillier Victor Caruana. Is-Sindku qal li tali proposta tista' titressaq għall-attenzjoni ta' Street Naming Committee fi ħdan l-Uffiċċju Elettorali.

**35.5 Korrispondenza**

34.5.1 **Preparamenti Festa 2022**

Is-Sindku nfurma li fil-ġranet li ġejjin se tkun qed tinżamm il-laqgħa annwali mal-Pulizija tad-Distrett u l-għaqdiet tal-festa.

34.5.2 **Talba sabiex jerġgħu jibdew jiġu organizzati s-Sessjonijiet Aqra Miegħi**

Il-Kunsill approva din it-talba.

**34.6 Skeda ta' Ħlasijiet**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iSkeda ta' Ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Lucia Massa** pproponiet l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Maria Magri** ssekonda.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata b'mod unanimu.

**34.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-6.40p.m. u ġiet aġġornata għall-Ħamis 9 ta' Ġunju 2022 fil-5.30p.m.

Konfermati, llum ____________________________________

| | |
|---|---|
| John Schembri | Karen Camilleri |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |